# ĦIDMA TAL-PROKURATUR DUN ANGELO CAMILLERI

minn Sharlo Vella

Dun Angelo Camilleri twieled Ħaż-Żabbar minn Michael u Grazzja née Sciberras fl-4 ta' Novembru 1860. Hu tgħammed jumejn wara, fis-6 ta' Novembru 1860. [1] Huwa ħalla ' l-pajjiżu u ġie l-Mosta fl-1886 u kien joqgħod f'dar quddiem l-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Dak iż-żmien zijuh, Dun Lawrenz Sciberras kien għadu kemm laħaq Kappillan tal-Parroċċa tagħna. Dun Anġ beda juri devozzjoni kbira lejn il-Madonna u ġenerożità xejn komuni lejn il-poplu fqajjar Mosti, u fuq kollox apprezzament lejn it-tempju maestuż mibni mill-poplu Mosti għall-glorifikazzjoni t'Alla. [2]

Lill-Kappillan Sciberras u lill-Dun Anġ Camilleri, il-Mostin laqgħuhom b'ferħ kbir għax kienu wkoll żewġ persuni rispettabbli. Kienu wkoll fiduċjużi li s-Sac. Dun Anġ Camilleri ma kienx ser iħalli dan it-tempju monumentali nieqes mill-opri prezzjużi (li dak iż-żmien kien imneżża' minnhom). [2]

Fit-tletin sena ta' ħidma bħala prokuratur tal-knisja Dun Anġ wettaq mhux inqas minn 20 opra imprezzabbli sabiex iżejjen ir-Rotunda. Flimkien nagħtu ħarsa lejn dawk l-opri li għamel kif ukoll kemm qamu u kif inġabru l-flus.



*Il-Prokuratur Dun Angelo Camileri (4.11.1860 - 8.9.1927)*

**L-INDURATURA**

Nistgħu ngħidu li f'Mejju ta' l-1897 beda jinqata' l-frott. Dak ix-xahar tlestew l-induratura tal-Kappella ta' l-Orgni u l-bieb il kbir. Dawn iż–żewġ opri nħadmu mill-imgħallem Pawlu Bugeja u qamu b'kollox £74: £14 għall-bieb li ħallas għalihom is-Sur Riccardo Amodeo, u £60 tal-Kappella li ġew imħallsa minn Gio Maria Vella (Simoru).

L-induratura tal-bibien ta' fuq il-presbiterju u ta' wara l-konfessjonarji ġew maħduma f'Awissu ta' l-1898. L-imgħallem Pawlu Bugeja reġa' kien

l-awtur ta' din il-biċċa xogħol li qamet £48. Ċerta Carmela Camilleri tat £8 bħala donazzjoni u l-kumplament ġabarhom il-Prokuratur mingħand xi benefatturi.

L-induratura tal-Gwarniċun prinċipali tal-Knisja ġiet mibdija fl-aħħar tas-sena 1899 u mitmuma f'Awissu 1902. Ix-xogħol ġie fdat f'idejn Pawlu Bugeja għall-prezz ta' £108. Is-somma nġabret £25 mis-Soċi tal-Każin Santa Marija ta' dak iż-żmien u l-kumplament mill-prokuratur.*

L-induratura tat-twieqi tat-tanbur tal-koppla u ż-żebgħa ta' bejniethom saret fl-1919. Dawn ġew indurati minn Tommaso Dingli tar-Rabat. Diversi persuni mir-raħal ħadmu mingħajr ħlas fil-Ħdud ukoll. Is-somma intelgħet għal £131 19s 2d, li minnha £103. 12s ġabarhom il-prokuratur mingħand diversi benefatturi u £28. 7s tħallsu mill-flus tal-knisja.



*Il-Baldakkin li sar fl-1898*
*(Ritratt: Joseph A. Vella FRPS, EFIAP)*

---

* Ma nafux eżatt liema kien 'il-Każin Santa Marija' u x'kienet il-funzjoni tiegħu. F'paġna 260 ta' l-*Istorja tal-Mosta,* E.B. Vella jgħidilna li fl-1905 infetaħ każin ġdid taħt l-isem ta' *Circolo l'Unione* fejn għaqqdu banda taħt l-isem ta' Filarmonica Santa Marija. Jidher li l-każin imsemmi kien każin ieħor li kien jeżisti qabel l-1899.

## IL-BALDAKKIN

F'Awissu tas-sena 1898 tlesta wkoll il-baldakkin. Ir-rakkmu tad-deheb ġie maħdum mid-ditta Tanfani ta' Ruma. Is-Sur Rafel Caruana Dingli iddisinjah u r-Rev. Can. Cap. Dun Ġiusepp Caruana Dingli ordnah, wara li kien mitlub mill-prokuratur innifsu. Bid-drapp u l-inforra sewa £202.10s. Il-lasti li huma disinn ta' l-istess Caruana Dingli u maħduma mill-istess ditta swew £150, it-titolu tal-fidda hu 900. Intefqu wkoll £6.10s għall-imballaġġ u £1.2s 8d, għall-bankun. Dan il-Baldakkin li hu mżejjen b'rakkmu tad-deheb mill-isbaħ, fih tnejn u għoxrin patalott li jġibu s-simboli tal-Ewkaristija, kollha differenti ħlief għat-tmienja tal-kantunieri li għandhom s-simboli tas-sbul u l-għeneb. Fiċ-ċelu tiegħu naraw ix-xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu f'għamla ta' ħamiema bir-raġġi ħerġin minnu. [3] B'kollox sewa £368. 2s 11d. Il-flus ġew miġbura - £30 legat imħolli mis-Sur Giovanni Chetcuti, £40 mill-Kaxxa tas-Sagrament, £25 mill-Kaxxa tal-Qalb ta' Ġesù, £102 miġbura minn Dun Anġ stess, £76. 10s 9d minn Maria Sammut, £81 minn xi benefatturi u ġbir mir-raħal, £5.12s 2d miġbura mis-Sur Riccardo Amodeo. Il-Kavalier Pietro Bartoli rregala l-pjumi, li swew £8.

## STANDARD TAS-SAGRAMENT U L-BANDIERA TAL-VJATKU

L-Istandard il-Prim tas-Sagrament inbeda minnufih, wara li kien diġà inxtara d-drapp mill-Prokuratur ta' qablu. Ix-xogħol tar-rakkmu qam £62. Il-bandiera tal-Vjatku swiet £23.10s. Id-disinji ta' dawn iż-żewġ opri huma tas-Sur Caruana Dingli u nħadmu għand id-ditta Tanfani. L-Umbrella bil-lasta b'kollox qamet £17. 2s 2d. Ta' min isemmi wkoll li l-ħjata ta' l-istandard u l-umbrella ħadimhom Gianni Fenech u qamu £3.9s10d. Is-somma totali ta' £106. 3s ġiet miġbura £28.7s mill-arboral tal-qassisin u s-sinjuri, £41.8s 9d mill-arboral ġenerali, £12.10s minn Salvatore Vella u £23.17s minn Maria Sammut.



*Il-Lampier tal-fidda li sar fl-1902*
*(Ritratt: Joseph A.Vella FRPS, EFIAP)*

## LAMPIER

Fl-1902 sar il-lampier il-prim tal-fidda. Ix-xogħol ġie kkommissjonat lid-Ditta Sinjuri Busuttil G.C. tal-Belt (ir-Ramli), u maħdum mid-Ditta Tanfani. Il-lampier li n-numru tal-fidda hu 900, jiżen 89 ratal u tliet kwarti. Iddisinjah s-Sur Caruana Dingli. Ta' min jgħid li din kienet il-ħolma ta' ċerta Margherita Grech mill-Mosta li kienet ġa ġabret kwantità ta' fidda u xi flus għal din l-opra iżda fl-1885 minħabba diversi problemi ma komplietx bil-ġbir.[4] B'kollox sewa £523.15s li nġabret hekk:- £159. 10s mill-imsemmija Margherita Grech, £36. 14s mill-arboral, £115. 16s miġbura minn Maria Sammut, £20 minn Gio. Maria Fenech, £10 minn Maria Mifsud, £8 mill-prokuratur, £5. 1s mil-lotteriji, £14.5s minn xi benefatturi, £13 minn bejgħ ta' fidda u £141. 5s minn ġbir ieħor.



*Waħda mil-linef tal-kristall li saru fl-1902 (Ritratt: Joseph A. Vella FRPS, EFIAP)*

## LINEF

Is-sitt linef li jżejnu l-knisja għall-festi ta' Santa Marija u l-Milied iżżanżnu għall-festa ta' l-1902. Is-somma ta' £214. 18s 11½d inġabret minn Dun Anġ innifsu u mill-fdal li kien jibqa kull sena wara li jitħallsu l-ispejjeż tas-siġġijiet.

## VENTARTAL

Il-Ventartal tal-fidda ta' l-Artal Maġġur ġie akkwistat mis-Sur Patignot fis-sena 1905. Peress li dan kien żgħir sarulu xi żjidiet fil-ġnub. Dawn jikkonsistu fis-simboli tal-Evanġelisti imdawrin b'disinn sempliċi tas-Sur Raffaele Caruana Dingli. Is-somma totali qamet £390 u tħallset: £90 miġbura minn Maria Sammut, £20 mill-kaxxa tas-Sagrament, £5 mill-kaxxa tal-Qalb ta' Ġesù, £275 mill-arboral ġenerali tar-raħal.

## KANOPEW

Il-Kanopew irrakkmat bid-deheb ġie maħdum fuq disinn tas-Sur Raffaele Caruana Dingli mill-fabbrika Tanfani bil-kummissjoni tad-ditta Busuttil u qam £57. Il-Mensola ta' l-Ostensorju qamet £25. 14s; xogħol ukoll ta' l-istess

ditta Tanfani. Dawn iż-żewġ somom ġew miġbura mill-Prokuratur u diversi benefatturi.

## EVANĠELISTI

L-istatwi tal-irħam ta' San Ġwann u San Luqa li hemm fuq il-Presbiterju, ħallashom minn butu Dun Anġ Camilleri stess. Dawn qamu £140 u nħadmu mill-iskultur Sebastiano Spampinato u huma ta' rħam abjad fin. Ta' min jgħid li Dun Anġ qal: "Dawn l-istatwi iqumu kemm iqumu nagħmilhom minn flusi biex meta tidħlu fil-knisja u tħarsu lejhom tibqgħu tiftakru fija."

## L-IRĦAM TAL-KNISJA

Il-qiegħa tal-irħam tal-Presbiterju tlestiet f'Awissu tas-sena 1906. Fuq id-disinn tas-Sur Caruana Dingli, l-imgħallem Mariano Spina ħadmu b'tant eżattezza. Intuża mhux inqas minn 850 pied kwadru ta' rħam. Din l-opra, li qamet £240 16s 8d, ħallsu għaliha £100 Giuseppe Grech, £70 Bartolomeo Galea u £70.16s 8d miġbura mill-prokuratur mingħand diversi benefatturi.
L-art tal-irħam tal-knisja u l-kor inbdew fis-sena 1909 u ġew mitmuma fis-sena 1911. Din l-opra saret fi żmien l-Arċipriet Dun Pawl Mallia megħjun miż-żewġ saċerdoti Dun Angelo Camilleri u Dun Giuseppe Borg. Għal din l-ispiża kien hemm bżonn ta' garanzija għal xi self ta' flus jew ħlas u s-Saċ. Angelo Camilleri bl-ipoteki ta' ġidu kollu, daħal garanti għal dak kollu li jista' jiġri. It-trasport tal-irħam tħalla f'idejn s-Sur Salvu Cauchi. Id-direzzjoni tax-



*L-art tal-irħam tal-knisja fuq id-disinn ta' Ġorġ Grongnet.*

xogħol, li sar fuq id-disinn ta' Grognet, kienet fdata f'idejn l-imgħallem Mariano Spina megħjun minn Antonio Galea. Is-somma totali swiet £2018.7s 3d. Din is-somma kbira ġiet miġbura hekk: £239.6s.0½d mill-fdal tal-amministrazzjoni tal-knisja mit-13 ta' Settembru 1908 sal-31 ta' Diċembru 1916, £361.0s7d mill-arboral popolari, £318.8s11½d mill-ġbir tas-sittijiet (taxxa popolari), £155.10s10½d minn Maria Sammut, £12.18s 5d mill-bejgħ ta' xi kaxxi li fihom ġie l-irħam u lotteriji, £88.11s 4d mill-kaxxa ta' l-Ora Santa, £52.6s0½d mill-bejgħ tal-qoton u lotteriji oħra, £90.6s mis-Sur Gaetano Grech, £125.4s11d mis-Saċ. Giovanni Bonnici, £74.3s mill-arboral tal-kleru Mosti, £57 mill-arboral tas-sinjuri tal-Mosta, £329.14s 3d mis-siġġijiet wara l-ħlas tal-ispejjez kollha mit-13 ta' Settembru 1908 sal- 31 ta' Diċembru 1916. Fis-7 ta' Jannar 1918 Dun Anġ wara eżami serju mill-Kurja ġie maħlul mill-ipoteka ta' ġidu kollu. Il-qiegħa ta' l-irħam tas-sagrestija saret fis-sena 1915 mill-imgħallem Mariano Spina. Tqiegħdu b'kollox 956 pied kwadru. Is-somma totali kienet ta' £76.8s 2d u ħallas għaliha l-istess prokuratur bil-kundizzjoni li jdaħħalha £5 fis-sena mingħajr imgħax.
Iz-zokklatura ta' l-irħam hija xogħol ta' l-istess mgħallem Spina. Din swiet £30. £5, ġabrithom Maria Sammut u l-kumplament ġabarhom l-istess prokuratur mingħand xi benefatturi.

## L-ISTATWA TA' SANTA MARIJA U L-APPARAT TAL-FESTA

It-tiżjin ta' l-istatwa ta' Santa Marija nbeda fl-1908 fuq x-xewqa ta' Maria Sammut. Meta kellmet lil Dun Anġ, hu għamlilha l-kuraġġ u bdiet tiġbor il-flus għal din l-opra li qamet £70. L-ispejjeż kienu jinvolvu l-induratura tal-pedestall minn Tommaso Bugeja tar-Rabat £30, diadema tal-fidda £15, erba' gastri tal-metall u bukketti tal-ganutil, girlanda u mazzettun tal-anġli £25.
L-apparat il-ġdid tal-festa fih seba' kapep tal-lama bajda maħdum mis-Sorijiet Missjunarji Franġiskani ta' Maria (Ħal Balzan), fuq id-disinn ta' Antonio Agius tal-Birgu (li ħadem il-Monument tal-Ġimgħa l-Kbira). Din l-ispiża ġiet tiswa £448 bid-drapp, inforra u frenża. Meta ra l-eżattezza



*L-istatwa ta' Santa Marija kif ġiet imżejna fl-1908.*

tax-xogħol Dun Anġ ta £8 bħala rigal lill-istess sorijiet. Wara l-festa, ċertu Karmnu Mifsud issuġġerixxa li jitneħħew mis-sagrestija u jitpoġġew fil-kamra tal-gallerija. Li kieku ma sarx hekk l-għada tal-festa stess jiġifieri fl-1924 kienu jinqerdu fi ħruq li ġarrbet is-sagrestija.[6] Is-somma nġabret billi s-Saċ. Salvatore Camilleri, qabel ma miet, ikkontribwixxa s-somma ta' £176, Maria Sammut permezz ta' bejgħ ta' flieles ġabret £120. Diversi benefatturi bejniethom taw £32. Dun Anġ innifsu offra u ħallas żewġ kapep li ammontaw għal £128.

## OPRI OĦRA

Il-fanali ta' l-elettriku fuq iz-zuntier tal-knisja kienet l-aħħar ħaġa li wettaq qabel ma spiċċa minn prokuratur. Dawn swew is-somma ta' £170 li £31.12s minnhom ħariġhom Dun Anġ minn butu.

Hekk kif laħaq prokuratur Dun Anġ ried jaqta' d-dejn li kien hemm mal-prokuratur ta' qablu, is-Saċ Gerolamo Chetcuti, kemm jista' jkun malajr. Fit-13 ta' Marzu, 1900 tħallset is-somma ta' £132.11s 4½d lill-exs-prokuratur Chetcuti mill-profitti li ħallew is-siġġijiet.

Opra oħra grandjuża li kompla jwettaq Dun Anġ hi l-pittura tal-lunetti. Kien sewwa sew l-Arċipriet Dun Pawlu Xuereb li ħalla il-flus għal din l-opra. Però mill-ewwel inqalgħu diversi ntoppi, u mal-mewt ta' l-istess Arċipriet waqaf kollox ħesrem. Kien il-prokuratur imsemmi li reġa' qanqal il-ħsieb nobbli li tant kien ilu jhewden f'moħħ ħafna Mostin. Reġgħu qamu l-kwistjonijiet. L-ewwel waħda mill-istess eredi tal-Arċipriet Xuereb li nsistew jekk kellhiex issir il-pittura jew le. Is-saċerdoti Pietro Magri u Angelo Camilleri tħabtu bil-bosta u l-avukat Oreste Grech iddefenda l-kawża li ġiet maqtugħa favur il-knisja. B'hekk intagħżel Giuseppe Calì biex ikompli il-pittura tal-lunetti wara li l-abside kienet diġà lesta. Reġgħet inqalgħet kwistjoni oħra! X'kien ser jiġi mpitter? Kien hemm min ried dak li ddisinja



*L-Artal Maġġur tal-Knisja tal-Mosta, bil-Ventartal, Kanopew, Appostli u fjuretti li ħallielna Dun Anġ Camilleri*

Grognet (żewġ anġli) jew il-ħajja ta' Kristu kif nafuha llum. Indaħal l-Isqof Mons. Pietro Pace u b'digriet li jġib id-data tad-9 ta' Jannar, 1900 ġie deċiż li titpitter il-ħajja ta' Kristu. L-istess isqof kellu jerġa' jindaħal fi kwistjoni oħra; għax il-gwarniċa li tifred il-kwadru mill-profeta ta' taħtu ma kinetx pinġuta fil-pjanta ta' Grognet; għalhekk tqabbdu xi periti li ddeċidew favur l-idea tal-pittur. Calì ħa sentejn żmien biex ilestihom u qamu £25 l-waħda. [7]
Dun Anġ ħaseb ukoll biex iżejjen l-Altar Maġġur. Mar għand l-istatwarju ta' fama Karlu Darmanin, li għall-prezz ta' £24 ħadem is-sitt appostli. L-imgħallem Pawlu Bugeja tar-Rabat ħadem l-arġentatura, li qamet £18. Din is-somma totali ġiet mogħtija minn diversi benefatturi.
Dun Anġ ħallas minn butu għal erba' fjoretti tal-ganutilja, xogħol ta' Emanuela Muscat mill-Mosta. Swewlu £12. Dawn il-fjuretti saru għall-Artal Maġġur u jintramaw fil-festa fuq is-sekonda ordni.
Xtara wkoll mingħand id-ditta Sinjuri Busuttil (ir-Ramli) Pjaneta, żewġ tuniċelli u velomeral tas-satin irrakmati bid-deheb. Dawn qamulu £40 u rregalahom lill-Fratellanza tas-Sagrament flimkien mal-Fjokk ta' l-istandard li qam £26.
Fl-1920 Dun Anġ ħaseb li jagħmel xi kanali fuq iċ-ċinet tal-knisja biex l-ilma jkollu minfejn jgħaddi u ma ssirx ħsara aktar billi jċarċar mal-ħitan tal-knisja. Bħas-soltu inqalgħu diversi problemi tant li l-Isqof bagħat xi periti, li ddikjaraw li x-xogħol kien ġej tajjeb ħafna.
Tħallsu wkoll diversi spejjeż li nqalgħu meta sar il-ħruq l-għada tal-festa tas-sena 1924. Dawn il-flus ġew miġbura kollha bit-tħabrik tiegħu u ta' l-Arċipriet. Opra oħra kbira li beda biex jindaħal għaliha, hi l-iskultura u l-induratura tal-koppla. Sfortunatament Dun Anġ laħaq miet meta l-anqas biss inbeda l-proġett.

## ĠID SPIRITWALI

Minbarra dawn l-opri kollha, wettaq opri li għandhom valuri spiritwali. Fit-tlieta u għoxrin sena li dam viċi-parroku, issagrifika ruħu iktar milli kien imissu. Kien jagħmel il-karità mal-foqra, ifarraġ u jikkonsla l-morda. Kien bosta drabi jagħmel uffiċċji l-iktar baxxi meta il-paċenzja, l-istonku u l-kuraġġ ta' dawk fil-familja ma kienx iwassallu. Ta' kull jum kien iqum kmieni sabiex ikun jista' iqarar 'il-penitenti qabel imorru għax-xogħol.
L-aqwa opra ħajja ta' Dun Anġ Camilleri li għadha wieqfa hi s-Siegħa Adorazzjoni ta' kull nhar ta' Ħamis. Biex titwaqqaf din id-devozzjoni kellu jgħaddi minn ħafna saram u li ma kienx għad-determinazzjoni qawwija tiegħu kieku kollox kien jisfa fix-xejn. Is-saċerdoti nizżlu isimhom u nkitbu fl-għaqda tas-saċerdoti adoraturi. Wara bdew anke jingħaqdu n-nies. Id-devozzjoni tal-Mostin lejn Ġesù Sagramentat tant xterdet li fl-1911 ingħaqdet mal-Prima Primarja ta' San Klawdju ta' Ruma. Bit-tħabrik tiegħu qiegħed fid-depożitu ta' l-Isqof £90 li £40 minnhom kienu legat imħolli minn Pawla Chetcuti biex bl-imgħax

tagħhom jibqgħu isiru s-sigħat kif ukoll il-fondazzjoni tat-tliet quddisiet għat-tridu tal-festa ta' l-Ora Santa minn Maria Sammut.
Sfortunatament fit-8 ta' Settembru 1927 Dun Anġ miet ġo daru, fi Triq it-Torri, il-Mosta. Jumejn qabel, kien weġġa' waqt li kien nieżel il-baħar bejn il-Menqa' u l-Gillieru meta żelaq u ħabat rasu ma' blata.
Kien sarlu funeral kbir, xhieda ta' l-imħabba li l-poplu Mosti kellu lejh. L-opri li ħalla jibqgħu bħala monument li jfakkar il-qalb nobbli ta' dan is-saċerdot. Kien tassew xieraq li l-figura ta' Dun Angelo Camilleri sabet postha fis-Sagrestija tar-Rotunda fost tant benefatturi.

RIFERENZI:


1. Uffiċju Parrokjali Zabbar
2. *Il-Mosta* nru 43
3. *Il-Mosta* nru 74
4. *Il-Mosta* nru 75
5. *Il-Mosta* nru 39
6. *Il-Mosta* nru 82
7. *Il-Mosta* nru 78



Delizie

Confectionery

*For a wide selection of*
*Cakes, Sweets, Wines & Spirits*

Independence Avenue, Mosta
Tel: 434935